MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Kongunt Numru. 573/2013

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Lulju 1997, (ara Dok A anness) fir-Registru Pubbliku u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal ilkoll minorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Sandra Grech Cordina mis-17 ta' Jannar 2011 u dan skont digriet mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mahruga fis-27 ta' Dicembru 2010 mill-Onor. Imhallef Anna Felice (ara Dok C anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom aktar minn erba' snin separati kemm b'kuntratt ta' separazzjoni u de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin;

Illi mill-istess affidavit johrog bic-car li l-mara u cioe' CB kienet telqet mid-dar matrimonjali qabel ma ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok D);

Illi skond l-anness kuntratt (ara Dok B anness, klawsola 2), jinkludi l-hlas ta' manteniment ghall-uliedhom ilkoll minorenni ta' mitejn u hamsin (250) Euro fil-gimgha u dan barra l-ispejjez ordinarji u straordinarji;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi il-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati minn xulxin kemm b'kuntratt ta' separazzjoni u kif ukoll de facto. Effettivament il-kuntratt

ta’ separazzjoni personali iggib id-data tas-17 ta’ Jannar 2011;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u dan anke kif ikkonfermat mill-istess partijiet fl-affidavits illi huma ipprezentaw bix-xhieda taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------